**Daħla**

Il-forma Szekler-Magyar (Ungeriż) tal-kitba Rovas (simili għar-runiku) hija parti mill-wirt kulturali universali tal-umanità, il-prodott intellettwali ta' ċiviltà antika, li ġiet prodotta mill-Magyari (Ungeriżi) u l-antenati tagħhom fi żmien il-qedem. L-oriġini, l-iżvilupp u r-rabta tagħha ma' forom oħra ta' kitba għadha sal-lum, is-suġġett ta' riċerka xjentifika; fost ir-riċerkaturi u dawk li jużaw il-kitba Rovas, hemm għadd kbir ta' teoriji dwar dan l-argument. Mandankollu hemm provi ċari li l-Magyari tad-disa' seklu kienu jirrikorru għall-kitba Rovas fil-lingwa tagħhom b'mod estensiv, u dan iwassalna biex naħsbu li l-użu ta' din il-kitba jmur lura għal diversi sekli qabel.

Bħalma ġara f'ħafna pajjiżi tal-Ewropa, fir-Renju tal-Ungerija wkoll, il-lingwa u l-ittri Latini saru dominanti fil-komunikati uffiċjali bil-miktub tal-gvern u tal-knisja fil-bidu tal-11-il seklu. Madankollu, l-użu tal-kitba Rovas baqa' sal-lum f'partijiet fejn il-Magyar huwa mitkellem. Din kienet tintuża mir-rgħajja, dawk li jaqtgħu l-injam, hekk imsejħa ta' Szekler, kif ukoll in-nobbli u l-kleru; barra minn hekk, f'xi epoki, kienet il-bażi għal kitbiet sigrieti. Il-kitba Rovas mhux talli rnexxielha tirreżisti tul il-Medju Evu u l-epoki ta' wara, iżda wkoll kompliet tiżviluppa tul dawn iż-żminijiet. F'dawn l-aħħar deċennji laħqet livelli ta' popolarità li qatt ma kellha qabel, u waslet biex takkomoda l-ħtiġijiet taż-żminijiet tagħna. Illum insibu kotba, perjodiċi, u paġni tal-internet b'testi miktuba bis-Szekler-Magyar Rovas. Qed tiġi użata wkoll f'xogħlijiet tal-arti kif ukoll sinjali pubbliċi u fid-disinn industrijali; għexieren ta' għeluf ta' studenti qed jitgħallmu din il-forma nazzjonali ta' kitba bis-saħħa ta' għalliema ddedikati.

In-numru li qed jikber ta' dawk li jifhmu u japprezzaw din l-arti antika laħaq 'il fuq minn mitt elf, li wassal għall-bżonn li jinħolqu regoli moderni għall-użu ta' din il-ħila antika. Parti minn dan il-proċess jikkonsisti fl-iżvilupp tal-konsistenza fil-forma tal-karattri, il-modernizzazzjoni tal-prinċipji tal-kitba u l-istandardizzazzjoni teknika – li ssir minn dawk li jużaw il-kitba Rovas, bħala grupp – xi ftit jew wisq bl-istess mod tal-antenati tagħhom filwaqt li jħarsu u jiżviluppaw din il-forma ta' kitba. Dan il-ktieb huwa kapitlu f'din il-vokazzjoni ta' ħarsien tat-tradizzjoni: il-Komunità ta' Kittieba tas-Szekler-Magyar Rovas iltaqgħet f'Gödöllő, l-Ungerija fl-4 ta' Ottubru 2008 fil-konferenza 'Rovas Ħaj' biex iddaħħal din il-kitba nazzjonali ta' dawk li jitkellmu bil-Magyar fl-era tal-informatika.

Mill-forom kollha ta' kitba ħajjin u li għadhom jintużaw fl-Ewropa, hija biss il-forma Szekler-Magyar Rovas li mhijiex parti mill-istandard UNICODE, li jippermetti l-użu ġenerali tagħha fit-tekonoloġija tal-informazzjoni. Għalhekk, il-Komunità ta' Kittieba tas-Szekler-Magyar Rovas, organizzati fi gruppi fuq l-internet, taħt it-tmexxija ta' Dr. Gàbor Hosszú, ppreżentaw uffiċjalment il-proposta standard N3527, li tinsab f'dan il-ktieb. Din il-komunità għandha t-tir ċar li tasal biex din il-forma antika tiġi aċċettata fl-istandards b'kunsenskemm jista' jkun malajr. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ l-appoġġ tagħkom għeżież qarrejja.

L-awturi ta' dan il-ktieb iħossu li l-forma ta' kitba Rovas Szekler-Magyar huwa rigal maġiku mill-antenati, wirt mistiku għall-ġenerazzjonijiet ta' wara, li jġib miegħu r-responsabbiltà li jiġi trattat b'rispett u qima, u li jiġi trasmess bil-modifiki xierqa meħtieġa miż-żmien. Dan hu f'waqtu speċjalment illum, peress li l-firxa ta' kunċetti u ideat maqfula f'din il-forma ta' komunikazzjoni antika, li huma magħquda tant mill-qrib ma' kull parti tal-lingwa u l-kultura tal-Magyar, tista' tkun it-triq lejn il-bidu intelletwali Magyari ġdid li tant nixtiequ.

© 2008. Dr. Hosszú Gàbor – Rumi Tamás - Sípos Lázló: Nemzeti írásunk a szabványosítás útján. Minden jog fenntartva. Id-drittijiet kollha miżmuma.